**3 ta' Marzu, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Annunziato D'Amato et.

*versus*

Joseph Camilleri et.

**Danni — Kolpa — Kważi-Delitt — Negliġenza Kontributorja — Solidarjetà — Każ Fortuwitu — Art. 1093 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-kolpa, fil-każ ta' fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruħha filli wieħed jagħmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta' dak il-fatt meta seta' jipprevedi dak l-effett. Il-prevedibilità, bħala distinta mill-previżjoni, isservi biex tiddetermina l-kolpa mid-dolo, u l-konkors tagħha jiddifferenzja l-kolpa mill-każ fortuwitu, li hu kostitwit minn att imprevedibbli u inevitabbli.*

*Meta l-att li kkaġuna d-danni kien jikkonsisti fil-maneġġ ta' ħaġa perikoluża, ir-responsabilità ta' min għamel dak l-att hija assoluta; u min irid jeħles minn din ir-responsabilità hu tenut jipprova, jew il-fatt tat-terz, jew il-"vis major".*

*Mhix difiża tajba kontra din ir-responsabilità l-allegazzjoni illi min għamel l-att li ġieb id-danni kien ilu jagħmlu żmien twil u qatt ma nqala' xejn, u li għalhekk min għamel dak l-att ma setgħax jissupponi li fil-każ partikulari kien ser jinqala' dak li nqala'.*

*Lanqas ma jiskaġuna minn din ir-responsabilità lid-danneġġjant l-argument illi, jekk id-dannu kien prevedibbli għad-danneġġjant, kien ukoll prevedibbli għad-danneġġjat, u li għalhekk kien hemm da parti tad-dan negliġenza kontributorja. Din hi n-nuqqas ta' min ma jeħux ħsieb raġjonevoli għas-sikurezza tal-persuna tiegħu jew tal-proprjetà tiegħu; imma*

*f'din il-materja hu prinċipju li bniedem huwa ġustifikat jaħseb li l-ieħor sejjer jadopera d-diliġenza u l-prekawzjonijiet meħtieġa biex jiġi evitat id-dannu, u d-dover li jieħu ħsieb li ma jiġrix d-dannu hu ta' min ikun ser jagħmel l-att li mbgħad iġib dak id-dannu; u l-fatt li dan ma jagħmel ebda twissija ta' perikolu ta' d-danneġġjat għandu jikkonferma lid-danneġġjat li d-danneġġjant kien qiegħed jagħmel l-att bil-prekawzjonijiet kollha meħtieġa; u għalhekk in-nuqqas ta' previżjoni tad-danneġġjat ma jammontax għal negliġenza kontributorja.*

*Jekk l-att li ġieb id-danni ġie magħmul minn aktar minn persuna waħda, il-kundanna tagħhom għad-danni għandha tkun solidali, meta ma tkunx tista' tiġi stabbilita l-biċċa talħsara li kull wieħed minnhom ikkaġuna, anki jekk il-koll jew xi uħud minnhom ma jkunux imxew dolożament; salv li l-Qorti, jekk ikun il-każ, tapporzjona d-danni bejniethom.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biħ l-atturi, wara li jippremettu illi fil-25 ta' Marzu 1953, il-Marsa, il-konvenuti, mħabba mperizja, negliġenza u/jew nuqqas ta' attenzjoni ta' "bonus pater familias", fil-waqt li kienu okkupati fix-xogħol tagħhom fl-impjeg tal-"The Malta Tug and Lighters Services, Ltd.", ikkaġunaw inċendju ta' materja infjammabbli li huma kienu jafu li kienet tinsab f'wiċċ il-baħar, bil-konsegwenza li l-atturi sofrew billi ġie nċendjat ukoll il-luzzu tas-sajd tagħhom (no. 230), li ġie reż inservibbli, jew jirrikjedi riparazzjonijiet konsiderevoli biex jista' jiġi użat għad-destinazzjoni tiegħu (skond kif jirriżulta mill-perizja f'din il-kawża); u illi l-atturi jinsabu għalhekk preklużi milli jottjenu mil-luzzu msemmi l-qliegħ li huma ntitolati għalieħ mill-25 ta' Marzu 1953 sa dik id-data li tiġi fissata minn din il-Qorti; u illi l-atturi, salvi r-relazzjonijiet interni bejn il-konvenuti, għandhom id-dritt li jitolbu (taħt iċ-ċirkustanzi) il-kundanna "in solidum" tal-konvenuti għar-riżarċiment tad-danni fuq imsemmija; jitolbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, (1) il-konvenuti jiġu minn din il-Qorti dikjarati "in solidum" responsabbli lejn l-atturi tad-danni sofferti mħabba l-perdita jew id-danneġġjament,

skond il-każ, tal-luzzu tas-sajd proprjetà tagħhom, mħabba l-inċendju minnhom kaġunat għall-imperizja, negliġenza, u/jew nuqqas ta' attenzjoni ta' "bonus pater familias", il-Marsa, fil-25 ta' Marzu 1953; (2) jiġu likwidati, bl-opra ta' periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi kif fuq speċifikat, konsistenti fid-"damnum emergens" (perdita jew danneġġjament tal-luzzu), kemm fil-"lucrum cessans" (nuqqas ta' qliegħ mħabba l-impossibilità li jeżerċitaw is-sengħa tagħhom ta' sajjieda bil-luzzu msemmi mill-25 ta' Marzu 1953 sad-data li jogħġobha tiffissa din il-Qorti; (3) u l-konvenuti jiġu kundannati iħallsu in linea ta' danni lill-atturi dik is-somma li, għar-raġunijiet premessi u għal dan l-effett, tiġi minn din il-Qorti hekk llkwidata. Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tas-6 ta' Mejju 1953; u bl-imgħax legali;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha jeċċepixxu illi d-danni kaġunati lill-luzzu msemmi fiċ-ċitazzjoni ma kienux dovuti mħabba imperizja jew negliġenza tagħhom, iżda ġraw b'aċċident; u għalhekk huma mhumiex responsabbli tagħhom. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Mejju 1957, li biha ddeċidiet għall-esklużjoni tad-domandi tal-atturi, imma ordnat li l-ispejjeż jibqgħu bejn il-kontendenti mingħajr taxxa; wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenuti huma fl-impjeg ta' "The Malta Tug and Lighters Services, Ltd.", b'sedi l-Marsa; u x-xogħol tagħhom, kif jirriżulta, hu dak ordinarjament li jirriparaw braken jew ċattri fuq l-art jew fuq il-baħar, billi f'dan l-aħħar każ iqalftuhom, billi jmejluhom, ixawtuhom ħalli jneħħu ż-żift biex jikxfu xi bram jew xi toqba li jkun jista' jkollhom fil-qiegħ, u mbagħad jagħtuhom in-nar. Biex jagħmlu dan ix-xogħol meta l-barkun ma jkunx imtella fuq l-art, huma jersqu mal-barkun jew ċattra li tkun, fuq pont baxx galleġġjanti; x'uħud minnhom jitilgħu fuq il-barkun, u oħrajn jibqgħu fuq il-pont, fejn ikollhom l-għodod meħtieġa għax-xogħol, kif ukoll laned jew drums bl-ilma baħar, tant biex meta jxawtu l-barkun ixarrbuħ, kif ukoll biex, għal xi okkażjoni li jaqgħu l-baħar xi bċej-

jeċ taż-żift imqabbad, jew xi xkuma li tkun mal-barkun, ukoll imqabbda, ikollhom biex jitfu n-nar. Dan ix-xogħol il-konvenuti ilhom jagħmluh għal bosta snin, u dejjem fl-istess post, fejn ġeneralment wiċċ il-baħar ikun mgħotti biż-żejt jew nafta li jidħol hemmhekk mar-riħ mill-Port il-Kbir, u darba li jidħol diffiċilment jerġa joħroġ;

Illi fil-25 ta' Marzu 1953, f'xi s-1.30 p.m., il-konvenuti kienu qegħedin jaħdmu dan ix-xogħol fuq barkun fl-istess post tax-xogħol tas-soltu. Dak inhar wiċċ il-baħar kien jidher mgħotti biż-żejt forsi ftit iżjed mis-soltu. Jidher li waqt ix-xogħol waqgħet il-baħar minn ġenb il-barkun xi ġamra mqabbda taż-żift, li n-nar tagħha, minflok li ntefa meta l-kovenuti bdew bla heda jitfgħu l-ilma fuqu minn ġo l-laned u d-drums, li kellhom magħhom għal dak l-iskop, bħal ma dejjem intefa' qabel, meta f'xi okkażjoni rari kien jaqa' n-nar fil-baħar, inxtered u nfirex ma' kullimkien, u wasal għal distanza ta' bejn 60 u 90 pied il-bogħod mill-barkun, fejn kien hemm ormeġġjati diversi luzzi, fosthom dak tal-atturi, li ġie nvestit b'dak in-nar u sofra l-ħsara ndikata fir-relazzjoni tal-perit legali;

Illi l-atturi jippretendu li l-konvenuti huma responsab-bli tal-ħsara sofferta minnhom f'dak il-luzzu minħabba imperizja, negliġenza, u/jew nuqqas ta' attenzjoni fix-xogħol tagħhom, għaliex kienu jafu li f'wiċċ il-baħar kien hemm dak il-materjal inffammabbli, u għalhekk dak inhar ma kienx messhom ħadmu, u għaliex ma kellhomx mezzi suf-fiċjenti u adatti biex f'każ ta' inċendju, bħal ma ġara, dan jiġi kontenut u mitfi;

Illi ma jidherx li l-atturi waslu biex jippruvaw fil-konvenuti l-ħtija pretiża minnhom. Kif ġie pruvat, dak inhar tal-ħruq wiċċ il-baħar kien mgħotti b'residwu ta' żejt l-istess bħal ma l-biċċa l-kbira kien ikun is-soltu, meta l-konvenuti kienu jaħdmu l-istess xogħol, u ma kienx hemm ebda ħaġa speċjali li setgħet tinduċihom li dak inhar ma jaħdmux. Dak il-materjal f'wiċċ il-baħar raħ kulħadd, u mhux biss il-konvenuti; u għalhekk ma setgħux ma rawhx l-atturi wkoll, u ntant huma ormeġġjaw il-luzzu tagħhom fil-viċinanzi ta' fejn kienu jaħdmu l-konvenuti; u dan l-

ormeġġ għamluħ appuntu waqt li l-konvenuti kienu jaħdmu, jew aħjar meta kienu jippreparaw biex jibdew ix-xogħol; u għalhekk l-atturi kienu jafu li l-konvenuti dak inhar, avvolja b'dak il-materjal kollu f'wiċċ il-baħar, kienu ser jaħdmu wkoll. Għalhekk l-atturi ma kienx messhom ormeġġjaw il-luzzu f'dik il-lokalità, jekk dehrilhom li minħabba fl-istat ta' wiċċ il-baħar ix-xogħol tal-konvenuti kien ta' perikolu għall-luzzu tagħhom, jew almenu kien messhom talvolta jipprotestaw ruħhom dwar daqshekk mal-konvenuti. Del resto, għalkemm in-nar qabad aktarx minħabba xi ġamra żift li waqgħet fil-baħar fuq dak il-materjal, ir-raġuni li dak in-nar infirex u nxtered kienet għaliex dak inhar ma' dak il-materjal kien hemm xi petrol li ma nduna ħadd bih. Kieku ma kienx hekk, bl-ilma li applikaw u tefgħu l-konvenuti fuqu dakinhar, kien jintefa, bħal ma dejjem intefa' kull meta, f'xi okkażjoni rari, waqgħet fil-baħar xi biċċa xkuma maħruqa u bin-nar waqt ix-xogħol tal-konvenuti. U jingħad "f'xi okkażjoni rari", għaliex, meta taqa' xi ġamra, din tiġi fuq il-pont fejn ikunu jaħdmu l-konvenuti, u li jkun ittrakkat mal-barkun, u ma taqgħax fil-baħar;

Raġuni oħra li n-nar infirex u wasal sa fejn kien jinsab ormeġġjat il-luzzu tal-atturi kienet li, x'ħin qabad in-nar, kien hemm motor-boat tar-Royal Air Force li biex jitfi beda jitfa' l-ilma bil-manka, u bil-pressjoni qawwija ta' dak it-tfiegħ tal-ilma, in-nar mexa l-ġewwa u laħaq sa fejn kien hemm ormeġġjat il-luzzu tal-atturi;

Illi "si ha la colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria ommissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od ommissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene" (Vol. XXIV-I-172). Hi ukoll liġi espressa li kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu (art. 1073 Kod. Ċiv.). Ma jistax jingħad li l-konvenuti għamlu użu mid-dritt tagħhom f'qies li ma kienx imisshom; dak inhar tal-ħruq huma ħadmu bl-istess mod kif dejjem għamlu għal bosta snin qabel, u f'ċirkustanzi simili, u bħala prekawzjoni kellhom magħhom mezzi li dejjem kienu suf-

fiċjenti biex jitfu n-nar f'dawk il-każi eċċezzjonali li kien jaqbad dan in-nar. Ħadd, lanqas il-konvenuti, ma seta' jaħseb li mal-materjal li kien hemm f'wiċċ il-baħar kien hemm imħallat xi petrol jew xi sustanza oħra infjammabbli, bħal ma kien hemm dak inhar tal-ħruq. Il-luzzu tal-atturi sofra l-ħsara mhux tant għaliex waqgħet fil-baħar dik il-ġamra biż-żift mill-barkun, imma pjuttost għaliex in-nar inxtered u nfirex ma' kullimkien; u din il-ħaġa ma kienetx dovuta għal xi vjolazzjoni ta' dover jew għal xi ommissjoni volontarja ta' diliġenza minn naħa tal-konvenuti;

Illi ċ-ċirkustanzi tal-każ jissuġġerixxu temperament fil-kap tal-ispejjeż;

Rat fol. 107 in-nota tal-atturi, li biha nterponew appell mid-deċiżżjoni fuq imsemmija, u fol. 108 il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li tiġi revokata, u d-domandi akkolti; bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta tal-konvenuti fol. 115, li biha pprevalew ruħhom mill-appell prinċipali biex jappellaw inċidentalment dwar il-kap tal-ispejjeż, in kwantu li huma ġew kundannati jħallsu l-ispejjeż tagħhom, u talbu li s-sentenza appellata tiġi konfermata in kwantu ċaħdet it-talbiet talatturi u kkundannathom iħallsu l-ispejjeż tagħhom, u revokata f'dik il-parti li biha kkundannat lilhom, ċjoè lill-konvenuti, iħallsu l-ispejjeż tagħhom; billi konsegwentement id-domandi tal-atturi jiġu miċħudin bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Deher mill-provi li fil-25 ta' Marzu 1953, għal xi ssigħa u nofs ta' wara nofsinhar, il-konvenuti, bħala impjegati ta' "The Malta Tug and Lighters Services, Ltd.", kienu qegħedin iqalftu barkun fil-baħar, f'post fejn soltu, minn żmien, jagħmlu dan ix-xogħol. Fost l-operazzjonijiet li jsiru in konnessjoni ma' dan ix-xogħol hemm anki dik li jagħtu n-nar lill-barkun. Fil-kors ta' dan ix-xogħol taret xi

ġamra mqabbda biż-żift għal ġo l-baħar, li kien mimli binnafta, u l-fjammi bdew jisserpeġġjaw u jinxterdu b'mod li l-baħar ċirkostanti qabad sewwa, u wasal sa fejn, xi sittin pied bogħod mill-barkun, kien hemm il-luzzu tal-atturi, li ġie danneġġjat bil-fjammi tan-nar. L-atturi qegħedin jitolbu r-riżarċiment ta' dan id-dannu, li huma jsostnu li ġie kaġunat minħabba negliġenza, imperizja, u/jew diżattenzjoni tal-konvenuti;

L-azzjoni esperita hi, għalhekk, dik bażata fuq il-Lex Aquilia (44 Dig. del leg. aquil. IX, 2), li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' dolo, jew il-kważi-delitt, f'każ ta' kolpa, kif inhu l-każ preżenti;

Hu għalhekk importanti, għall-finijiet ta' din il-kawża, li jiġi preċiżat f'hix tikkonsisti l-kolpa f'każ ta' fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana;

Hemm diversi definizzjonijiet fid-dottrina tal-"colpa", iżda, kif jesprimi ruħu l-Carrara (Progr. Parte Gen., Vol. I, para. 80):— "Si mutino come piace le formule, ma il tripode sul quale s'asside la colpa sarà sempre questo (1) volontarietà dell'atto, (2) mancata previsione dell'effetto nocivo, (3) possibilità di prevedere". Fil-para. 83, dan l-awtur jirribadixxi illi ". . . la essenza della colpa sta tutta nella prevedibilità";

Din hi n-nozzjoni tal-"colpa" tradizzjonalment aċċettata fis-sistema legali malti, ċjoè dik bażata fuq il-prevedibilità. Hu sewwa u loġiku li jkun hekk; għaliex il-prevedibilità, bħala distinta mill-previżjoni, isservi biex tiddistingwi l-"colpa" mid-"dolo"; u l-konkors tagħha jiddifferenza l-kolpa mill-każ fortuwitu. Dan hu l-konċett talawturi l-atar akkreditati, fosthom, minbarra dak fuq ċitat, Chironi — "Colpa Extra-Contrattuale"; il-Pincherle, p. 105, Manuale Dto. Penale, para. 49-51; Arabia, Princip. Dto. Pen., paġ. 127, para. 101; Giuliani, Istituz. Dto. Crim., p. 80 et seq.; Brusa, Saggio d'una dottr. gen. del reato, p. 101; u l-Crivellari, Cod. Pen., Vol. III, para. 32:

Din il-Qorti hi a konjizzjoni tal-fatt li xi awturi moder-

ni riedu jissostitwixxu dan il-kriterju tal-prevedibilità b'nozzjonijiet oħra (ara Comm. Teor. Prat. Cod. Pen. ta' Saltelli u Romano Di Falco, p. 270); iżda jgħid sewwa, f'publikazzjoni reċenti (1956), il-Brasiello, Primo Presidente Corte Suprema di Cassazione, fil-ktieb tiegħu "I Limiti della Responsabilità per Danni", p. 299:— "Senonchè bisogna sempre tener presente che quando si voglia approfondire la natura della condotta che viene definita negligente, imprudente, e simili, quando si voglia valutare la efficienza della causa non da un punto di vista astratto e meccanico, ma agli effetti di farne derivare la responsabilità, non si può fare astrazione dalla disamina, se, nel caso, l'effetto era prevedibile. Il criterio della prevedibilità o non dell'evento in conseguenza della condotta rende appunto possibile la precisazione se la condotta possa o non qualificarsi imprudente, negligente, e simili; ed è perciò che coloro che avversano la enunciatà antica teorica non possono fare astrazione, sia pure con altro linguaggio, dal "prevedibile", quando si fanno a precisare i limiti del fatto colposo";

Il-konvenuti, għall-assunt tal-kolpa sostnut mill-atturi, jopponu l-każ fortuwitu, li hu kostitwit minn avveniment imprevedibbli u inevitabbli. Ara anki "Contracts and Torts" tal-Wilshere and Robb, paġ. 91, fejn id-difiża ta' "absence of negligence" hi definita bħala dik fis-sens li " . . . . the defendant had taken all reasonable precautions, and that the damage occurred through something which human foresight could not reasonably be expected to anticipate";

Ikkunsidrat;

Hu ta' rilevanza kbira, għas-soluzzjoni ta' dan il-każ, il-fatt li l-konvenuti kienu qegħedin jimmaneġġjaw ħaġa "perikoluża", bħal ma hu n-nar. Dan il-perikolu, diġà kbir in sè, sar aktar akut bil-preżenza u viċinanza tan-nafta f'wiċċ il-baħar, li hi — kif hu risaput — derivativ, ossija distillazzjoni tal-pitrolju, u għalhekk kombustibbli. Fost l-affarijiet li fil-ġurisprudenza ngliża ġew kunsidrati, għall-finijiet tar-responsabilità għad-danni, bħala "actively dangerous", jew "inherently dangerous", hemm appuntu "fire".

"oil", u "paraffin" (ara Charlesworth, The Law of Negligence, p. 232); tant li dan l-awtur ikompli jgħid, fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza ngliża, li f'materja simili r-responsabilità hi "absolute", u min irid jeħles minnha hu tenut jipprova jew il-fatt tat-terz jew il-"vis major" (ibidem, p. 234 et seq.);

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti, wara eżami akkurat tal-fatti tal-każ, ġiet għall-konklużjoni li kien hemm "kolpa" mill-parti tal-konvenuti; u dan in bażi għal dawn ir-riflessjonijiet:—

1. Il-konvenuti kienu qegħdin jagħmlu proċess per sè perikoluż; għaliex kienu jafu li fil-kors tax-xogħol setgħu xi ġamriet biż-żift imqabbad itiru għal ġo l-baħar, u kienu jafu wkoll li fil-baħar kien hemm imxerred ma' dwarhom likwidu ferm infjammabbli, ċjoè in-nafta;

2. Huma *kienu jafu wkoll*, *kif* kienu jafu s-sajjieda li xehdu, illi dak inhar, peress li kien ilu xi ħmistax il-ġurnata riħ isfel, iż-żejt kien ilu jinġabar f'wiċċ il-baħar, u kwindi l-perikolu kien akbar;

3. Huma ma setgħux ma jirrealizzawx illi l-mezzi li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex *jitfu n-nar*, fil-każ li ġamra ttir fil-baħar u tiġi in kontatt man-nafta, ċjoè landi tal-ilma, kienu assolutament inadegwati għal dak li kien prevedibbli li jista' jinqala';

4. "Ex confessis", huma ma ħadu ebda ħsieb javvertu *lil min kellu xi imbarkazzjoni fil-viċinanzi biex jallontanaha*; liema prekawzjoni kienet tissuġġerixxi ruħha minħabba ċ-ċirkustanzi;

Il-Qorti mhijiex impressjonata b'żewġ argumenti għad-diskariku li nġiebu fit-trattazzjoni ta' dan l-appell. Intqal li l-konvenuti ilhom jagħmlu dan ix-xogħol għal numru kbir ta' snin bla ma qatt inqala' xejn, u għalhekk ma setgħux jissupponu li din id-darba sejjer jinqala' xi ħaġa. Issa, qabel xejn, ix-xhud Carmelo Camilleri, fol. 99, jgħid li darba

n-nar kien qabad, għad li dan ilu ħafna. It-tieni, kulħadd jaf li dan l-aħħar l-użu tal-"oil fuel" bħala mezz ta' propulsjoni kiber ferm, u għalhekk bdiet tavvera ruħha ħaġa li dari ma tantx kienet in evidenza, ċjoè li l-baħar jiġi kontaminat bir-residwi jew derivativi ta' dan l-"oil fuel", u kwindi l-esperjenza tal-passat ma kienetx ta' affidament, għax ir-ċirkustanzi tal-perikolu setgħu kienu diversi. It-tielet, l-abbuż tal-bwona fortuna fl-imgħoddi ma jistgħax jiġġustifika n-non-kuranza tal-preżent; għaliex il-verità hi li, kull darba li kien isir dan ix-xogħol tal-ħruq tal-braken, u kull darba li fil-baħar ċirkustanzi kien ikun hemm likwidu infjammabbli, kien ikun hemm il-perikolu, li kien imissu jiġi arġinat mill-konvenuti. Difatti, din id-darba l-perikolu sar realtà. Intqal ukoll li, skond l-idea tal-konvenuti, bilfors li din id-darba man-nafta kien hemm xi petrol, għaliex diversament il-fjammi ma kienux jinfirxu u jinxterdu daqshekk. Apparti li din hi mera suppożizzjoni, mhix sorretta minn ebda "adminiculum probationis", hu ċert li anki n-nafta weħedha hija infjammabbli, oltrekkè li hu prevedibbli li magħha jista' jkun hemm xi residwu ieħor ugwalment kombustibbli;

Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, kien hemm "colpa" mill-parti tal-konvenuti;

Ikkunsidrat;

Id-difensur tal-konvenuti pprospetta wkoll, "in subordine", fil-kors tal-argumenti li, jekk dan li ġara kien prevedibbli għall konvenuti, kien ugwalment prevedibbli għall-atturi, u ma jmisshomx ħallew il-luzzu tagħhom hemm, u li għalhekk kien hemm negliġenza kontributorja da parti tagħhom;

Din il-Qorti rriflettiet fit-tul fuq din it-teżi subordinata, u għamlet dawn ir-raġunamenti:—

In-negliġenza kontributorja hi n-nuqqas ta' min ma jieħux ħsieb raġjonevoli għas-sikurezza tal-persuna tiegħu jew tal-proprjetà tiegħu (ara definizzjoni fiċ-Charlesworth, loc. ċit., p. 464);

Issi, din il-Qorti ma taħsibx illi s-sempliċi fatt li l-atturi rabtu l-luzzu tagħhom f'dak il-post, viċin fejn kien qiegħed isir, u fejn huma kienu jafu li qiegħed isir, dak ix-xogħol, jista' jammonta għal "contributory negligence"; għaliex f'din il-materja hu prinċipju li bniedem hu ġustifikat jaħseb li l-ieħor sejjer jadopera d-diliġenza u l-prekawzjonijiet meħtieġa biex jiġi evitat id-dannu. Bl-istess mod kif ma jistgħax jingħata ebda tort lin-nies in ġenerali li jittransitaw fit-toroq, avvolja f'dawk it-toroq hemm il-motor cars u jiġru aċċidenti ta' spiss bi ħsara tal-"pedestrians". Dan appuntu għaliex il-"pedestrians" huma ġustifikati jissupponu li min isuq car ikun qiegħed isuq bid-diliġenza u l-perizja meħtieġa. Ikun divers il-każ kieku l-"pedestrian" jagħmel xi ħaġa li tikkontribwixxi, per eżempju jaqsam it-trieq imprudentement; imma l-mera preżenza tiegħu fit-trieq, avvolja f'dik it-trieq hemm il-cars li jistgħu jġibu aċċident, ma hix biżżejjed, kif ma hux biżżejjed f'dan il-każ is-sempliċi ormeġġ tal-luzzu f'dak il-post, avvolja kien qiegħed isir ix-xogħol tat-tiswija tal-barkun. Id-dover li jieħu ħsieb kien ta' min qiegħed jagħmel ix-xogħol, u l-fatt li hu ma jagħti ebda twissija ta' perikolu għandu jikkonferma lil min poġġa l-luzzu tiegħu hemm li dawk li kienu qegħdin jagħmlu x-xogħol kienu qegħdin jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa, ġa ladarba ma avvertewhx;

Diversi każijiet li jillustraw dan il-pont ġew quddiem il-Qrati Ingliżi. Hekk, fil-kawża "Crayson Ltd. vs. Ellerman Line Ltd." (1920) A.C. 466; 89 L.J., K.B. 924, "ship repairers were doing work on a ship which contained an inflammable cargo. The repair work involved the use of red-hot rivets, and owing to the negligence of one of the repairer's servants a rivet fell into the hold and caused a fire. The repairers contended that the omission of the ship-owners to close the hatches was contributory negligence. This failed, on the ground that it was for the repairers themselves to see that all necessary precautions were taken". F'din l-istess kawża, Lord Justice Aitken ta dawn l-illustrazzjonijiet ta' l-istess prinċipju:— "If a workman is sent to my house containing inflammable material to work with fire, am I to remove the source of the damage, or is he to take precautions which will avoid the

source of danger? If a man comes to my premises containing an oil tank, is he to abstain from smoking in its vicinity, or am I to remove the oil tank? And if he chooses to smoke there, am I precluded from recovering because I did not remove the oil tank?"

Fil-kawża "Miles vs. Forest Rock Granite Co. Ltd." (1918) T.L.R. 500, il-prinċipju ġie enunċjat f'dan il-mod:— "A person, of course, is entitled to assume that others will properly perform their legal duties and to regulate his actions accordingly, so that, as a rule, it is not negligence on his part to omit to take precautions against the consequences of others failing to perform their duty......";

Il-każ issa ċitat kien każ li fih wieħed għadda fit-triq publika fejn kien jaf, minħabba l-eżibizzjoni ta' bandieri ħomor, li fl-art viċina kienu qegħdin isiru "blasting operations", u ġie milqut u ferut;

L-istess prinċipju ġie applikat, minħabba n-natura perikoluża tal-ħaġa li ġiebet il-ħsara, f'każ ta' "squib", ċjoè suffarell jew trikkitrakk (parifikabbli għall-ġamra taż-żift f'dan il-każ) u għal "flame bearing instruments" (ara Reilly vs. Greenfield Coal & Brick Co. (1909) S.C. 1328, 1336 per Lord Dunedin; u The Pass of Ballater (1942) p. 112, 117;

Jingħad ukoll, a propożitu, fit-test "Leading Cases in the Law of Torts" ta' Ball, p. 299:— "It is not contributory negligence on the part of plaintiff to have assumed that the defendant would employ due case";

Għalhekk, fil-każ preżenti, is-sempliċi fatt li l-atturi ormeġġjaw il-luzzu hemm ma jammontax għal negliġenza kontributorja;

Ikkunsidrat;

Il-kundanna "solidali" kif mitluba hi ġustifikata bl-art. 1093 Kap. 23 Ediz. Riv., salv li, meta tiġi provvduta t-tielet domanda, il-Qorti, jekk ikun il-każ, tapporzjona d-danni

bejn il-konvenuti, kif hemm fit-tieni subartikolu ta' dak l-artikolu, bla preġudizzju tas-solidarjetà vis-a-vis l-atturi;

Kwantu għal dawn id-domandi l-oħra taċ-ċitazzjoni, hu spedjenti li jiġi applikat id-dispost tal-art. 231 (1) Kap. 15 Ediz. Riv.;

Ikkunsidrat, fuq l-appell inċidentali tal-konvenuti;

Hu ċar li dan ma setgħax jiġi sostnut, in vista tal-konklużjoni fuq raġġunta minn din il-Qorti;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell prinċipali tal-atturi, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' l-ewwel talba kontenuta fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

Billi tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenuti; bl-ispejjeż kontra tagħhom;

U tirrinvija l-attijiet ta' dan il-proċess lill-Qorti tal-Ewwel Istanza, għalbiex tiġi prosegwita t-trattazzjoni tad-domandi l-oħra u għad-deċiżjoni tagħhom.